MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 116/2010

Burmarrad Commercials Limited (C13537)
vs
Saviour sive Sammy Attard proprio u Absolute Construction Limited (C31528)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tissuplixxi vetturi kummercjali kif ukoll kienet involuta f'bini ta' kostruzzjoni li jirrikjedi xogholijiet varji.

2. Illi l-konvenut kien dispost f'ismu *proprio* u taht l-isem Absolute Construction Ltd jikkomplata xogholijiet varji ta' kisi u tibjid.

3. Illi l-konvenut gie mhallas permezz ta' kontra kambju u jezistu bilanci reciproci bejn il-partijiet kif jidher fid-dokument NG1 prezentat mar-rikors.

4. Illi ghalkemm saru diversi hlasijiet u tpacija l-konvenut naqas illi jikkonsenja ricevuti fiskali opportuni li huma necessarji u dovuti lis-socjeta` attrici.

5. Illi s-socjeta` attrici hallset lill-konvenut permezz ta' *vouchers* u materjali tal-bini fil-forma ta' *credit notes* minn diversi socjetajiet kif ukoll forniet u bieghet lill-istess konvenut il-vettura tat-tip *Isuzu Tipper* bin-numru ta' registrazzjoni ABS 110 li jinstab debitament fil-pussess ta' kunsinnatarju wara l-qbid awtorizzat minn din il-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Qbid.

6. Illi l-imsemmija vettura kummercjali giet mibjugha b'mod regolari skond dokument NG2 prezentat mar-rikors fl-ammont ta' Lm8500 jew €19,799.67 u debitament irregistrata fuq il-konvenut kif jidher fid-dokument NG3 prezentat mar-rikors.

7. Illi jirrizulta wkoll illi mill-bilanc ezistenti bejn il-partijiet, il-konvenut *proprio et nomine* ghadu debitur fl-ammont ta' €14,733.72 valur tat-taxxa tal-VAT li nonostante gew imwieghda diversi drabi, baqghu ma gewx ikkonsenjati.

8. Illi nonostante diversi talbiet ghal pagament tal-bilanc u diversi nonottemperanzi fosthom nuqqas ta' tkomplija tax-xoghol u x-xoghol hazin, il-konvenut *propio et nomine* baqa' inadempjenti.

9. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha biza fondata li l-konvenuti *proprio et nomine* jinstab f'diffikulta` li josserva l-obbligazzjonijiet tieghu kif jidher mis-sensiela ta' azzjonijiet gudizzjarji kif jidher fid-dokument NG4.

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

11. Illi l-fatti hawn iddikjarati jafhom ir-rikorrenti personalment.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat *propio et nomine* huma debituri fis-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u sittax-il Euro u sbatax-il centezmu (€14,716.17) kif fuq dikjarat u evidenzjat bl-interessi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan id-debitu bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 86/2010.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha gew ingunti.

**B. RISPOSTA:**

Rat illi fid-29 ta' Marzu 2010 il-Qorti awtorizzat lill-intimat jipprezenta risposta, izda xorta wahda waqa' kontumaci, u lanqas deher ghas-seduti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed <u>Noel Gauci</u>, *General Manager* tas-socjeta` rikorrenti fejn ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni li kien ghamel meta kien gie intavolat ir-rikors guramentat. Zied jghid li mill-ammont dovut ta' €14,716.17, l-intimat ma hallas xejn ghalkemm baqghu jippruvaw icemplulu biex jaghmel il-hlas izda dan kollu kien ghalxejn.

Xehdet <u>Sharon Camilleri</u> Direttur tal-kumpannija rikorrenti u dwar il-bilanc ta' €14,716.17 qalet li ghadu dovut mill-intimat. Dwar Dokument NG1 semmiet li l-ammont ta' €111,303.89 huwa l-ammont li Sammy Attard ghandu jaghtihom filwaqt li l-ammont ta' €96,587.72 huwa l-ammont li huma kellhom jaghtuh ta' xogholijiet li ghamillhom fil-proprjeta` taghhom. Fid-Dokument NG2 u

Dokument NG6, l-ammonti ta' €19,799.67 u €15,140 rispettivament huma xiri ta' zewg vannijiet. Dokument NG5 ta' €75,329.28 huma *credit notes* li huma ghaddew lil Sammy Attard biex jehodhom minghand *third parties* bhala parti mill-hlas li huma kellhom jaghtuh. Sostniet li ma thallas xejn mill-bilanc minn dak iz-zmien 'l hawn.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalkemm l-intimat kien stqarr li jixtieq jipprezenta risposta fil-fatt ma ipprezenta ebda. Min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti gabet il-provi necessarji in-sostenn tat-talbiet taggha liema talbiet jirrizultaw gustifikati.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija l-Qorti tiddikjara lill-intimat *propio et nomine* debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u sittax-il Euro u sbatax-il centezmu (€14,716.17);

Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan l-ammont.

Bl-interessi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 86/2010 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------